# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LXI**
**Illum, il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 29/01**

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Matthew Hayes**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Matthew Hayes talli (**1**) fl-1 ta' Novembru, 1999 ghall-habta tas-7.30 p.m. f'Msida Circus, Msida, hebb ghal Nichola Hayes u ikkagunalha feriti hfief skond kif iccertifikat Dr Alexandra Falzon Camilleri, u aktar (**2**) talli fit-2 ta' Novembru 1999, ghall-habta ta' 9.00 a.m. f'St. Andrews Court, N. Calleja Schembri Street, Msida, rega' hebb ghall-istess Nichola Hayes u kkagunalha feriti hfief skond kif iccertifika Dr. A.P. Zammit; il-prosekuzzjoni talbet lill-ewwel qorti sabiex apparti l-piena timponi garanzija skond il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Jannar, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Matthew Hayes hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' sebghin lira (Lm70), u rabtitu b'obbligazzjoni taht penali ta' multa ta' mitt lira (Lm100) ghal tnax-il xahar milli b'xi mod jimmolesta aktar lill-imsemmija Nichola Hayes;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Matthew Hayes, minnu ppresentat fit-12 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant qassam l-aggravji tieghu f'hames paragrafi. Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra l-hames aggravju. L-appellant jikkontendi li l-prosekuzzjoni ma gabitx prova li saret kwerela mill-parti offiza, u jikkwota in sostenn ta' l-aggravju tieghu l-Artikolu 226(2) tal-Kodici Kriminali. Jinghad mill-ewwel li dana l-aggravju hu mhux biss infondat

izda jirrazenta l-fieragh. L-Artikolu 226(2) tal-Kap. 9 ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz *de quo*. Dana l-artikolu jitkellem dwar l-offiza hafifa involontarja, mentri l-imputazzjonijiet jipotizzaw offizi hfief ta' natura volontarja. Possibilment l-appellant ried jirreferi ghas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 221; pero` anke li kieku rrefera ghal dina d-disposizzjoni ma kienx ikollu ragun. Fil-kazijiet ta' offizi (volontarji) hfief fuq il-persuna fit-termini tas-subartikoli (1) u (3) tal-Artikolu 221 il-Pulizija Ezekuttiva tista' dejjem tipprocedi *ex officio* u ghalhekk minghajr il-kwerela tal-parti leza fil-kazijiet kontemplati fil-proviso tal-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz in dizamina l-Pulizija Ezekuttiva setghet tipprocedi *ex officio* taht dik il-parti ta' din id-disposizzjoni li tirreferi ghal meta "l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat".

Ir-raba' aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li f'dana l-kaz kien applikabbli, fir-rigward ta' l-incident meritu tat-tieni mputazzjoni, is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 231 tal-Kap. 9. In fatti hu jghid testwalment li "l-Ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt li t-tieni incident sehh meta [hu] kien qed jipprova johrog lil martu mir-residenza tieghu…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kors tat-trattazzjoni tieghu l-abbili difensur ta' l-appellant irrefera lill-Qorti ghall-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 227 tal-Kap. 9. Fi kliem iehor l-appellant qed jikkontendi li f'dan il-kaz hi applikabbli l-iskuzanti skond l-imsemmi paragrafu. L-appellant, pero`, ma ghandux ragun. Mill-provi ma jirrisultax li f'dana l-kaz Nichola Hayes kienet qed tipprova tidhol fl-appartament ta' l-appellant permezz ta' "skalata" jew permezz ta' "ksur" (f'dan il-kaz ksur tad-dahla tal-appartament tal-appellant). Skond id-deposizjjoni ta' l-istess appellant moghtija quddiem dina l-Qorti fis-17 ta' April, 2001, kif appena huwa fetah il-bieb ta' l-appartament "…she automatically barged in, and I asked her three or four times please leave, please leave and she refused". Ghalhekk meta saret l-offiza (hafifa) fuq il-persuna id-dhul (li ma kienx bi skalata jew bi ksur) kien diga sehh, u konsegwentement ma kienx applikabbli l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 227 imsemmi. Minbarra dan, biex tkun applikabbli l-iskuzanti msemmija f'dana l-paragrafu, l-iskalata jew il-ksur li ghaliha dak li jkun ikun qed joffri resistenza trid tkun tali li tnissel f'mohhu suspett ragjonevoli li, imwettqa l-iskalata jew il-ksur, jista' jkun hemm perikolu ghall-inkolumita` personali tieghu. F'dan il-kaz ma seta' kien hemm xejn minn dan, ghax kien ovvju li Nichola Hayes kienet marret fl-appartament ta' l-appellant biex tigbor u tiehu lura lit-tifel taghha (u tal-appellant).

Ir-rimanenti aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi li kellha quddiemha. Hu jikkontendi li hu semplicement irreagixxa ghall-provokazzjonijiet ta' martu, u li dak li ghamel ma ghamlux bl-iskop li jsawwat jew li jwegga' lil martu. Hu jghid li fir-rigward ta' l-ewwel incident – cioe` l-incident meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – hu semplicement ghafas il-bieba tal-karozza biex iwarrab lil martu minn mal-bieba biex b'hekk ikun jista' jsuq u jitlaq minn fuq il-post fejn martu kienet qed taghmel xenata fit-triq; mentri fir-rigward tat-tieni incident hu kullma ghamel kien li uza forza biex hareg lil martu barra mill-appartament

tieghu. Din il-Qorti semghet kemm lil Nichola Hayes kif ukoll lill-appellant jaghtu l-versjonijiet taghhom ta' dak li gara fiz-zewg incidenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti kien hemm provi bizzejjed li a bazi taghhom l-ewwel qorti setghet legalment u ragonevolmebt tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Fi kliem iehor din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' tnax-il xahar ta' l-obbligazzjoni skond l-Artkolu 383 tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri mill-lum.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur